# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 24 ta’ Ġunju 2016**

**Numru 5**
**Rikors numru 26/2016**

***Bank of Valletta p.l.c.***
***v.***
***Carmelo Farrugia Melfar Limited*; Joseph u Brenda miżżewġin Farrugia; Carmelo u Carmelina miżżewġin Farrugia**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-konvenuti *Carmelo Farrugia Melfar Limited et* [“ir-rikorrenti”] b’rikors tal-1 ta’ Frar 2016 taħt l-art. 823(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex il-qorti twaqqaf l-esekuzzjoni ta’ sentenza [“is-sentenza attakk-ata”] mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta’ Ottubru 2016 (rikors 471/2007) li tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu rittattazzjoni. Is-soċjetà attriċi *Bank of Valletta p.l.c.* [“l-intimata”] wieġbet fil-11 ta’ Frar 2016 u opponiet għat-talba.

2. Ir-raġuni għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ġiet imfissra hekk mir-rikorrenti:

> »… … … jekk is-sentenza fuq imsemmija tiġi esegwita huma u l-familji tagħhom isofru preġudizzju kbir, preġudizzju li huwa ferm akbar minn dak li l-atturi jistgħu jsofru li kieku dina l-onorabbli qorti tiċħad it-talba odierna. Tabilħaqq il-kreditu talvolta dovut lill-intimati huwa adegwatament kawtelat. Imma jekk tiġi esegwita s-sentenza fuq imsemmija kontra l-esponenti speċjalment fuq l-uniku beni li għandhom flimkien ma' żwieġhom, u *cioè* d-dar matrimonjali, l-esponenti u l-familja tagħhom ma jkollhomx fejn joqogħdu.«

3. Effettivament ir-rikorrenti jridu illi ma jsirx il-bejgħ *sub hasta* ta' beni immobbli tagħhom, fosthom id-djar fejn joqogħdu.

4. Il-qorti tosserva illi l-meritu tas-sentenza attakkata ma huwiex jekk ir-rikorrenti humiex debituri tal-intimata – ir-rikorrenti għarfu b'kuntratt pubbliku li għandhom jagħtu lill-intimata s-somma vera, ċerta u likwida ta' mija u disgħa u tmenin elf, erba' mija u sbatax il-lira ta' Malta (Lm189,417) daqs erba' mija wieħed u erbgħin elf, mitejn u tnejn u għoxrin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€441,222.92) – iżda dwar il-*quantum* ta' mgħaxijiet li r-rikorrenti għandhom jagħtu b'żjieda mad-dejn minnhom magħruf. Għalhekk, f'kull każ, ladarba r-rikorrenti xorta għandhom jagħtu somma sostanzjali lill-intimata ma hemm ebda utilità fis-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza. *Se mai*, jekk ir-rikavat mill-esekuzzjoni tas-sentenza jkun aktar mid-dejn magħruf, ir-rikorrenti jkunu jistgħu dejjem jikkawtelaw l-interess tagħhom billi jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq l-eċċess.

5. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

6. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallsuhom ir-rikorrenti *Carmelo Farrugia Melfar Limited et.*

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb